MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 281/2011

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Joseph Ellis**
**u l-Prokuratur Legali Pauline Mallia nominati kuraturi deputati**
**biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li hi kellha mal-konvenut C D twieled it-tifel E D fis-26 ta' Awwissu 1999; li l-konvenut abbanduna lill-attrici, u qatt ma kkontribwixxa ghat-trobbija tal-minuri, lanqas ghal manteniment tieghu u l-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha; li kienet l-attrici biss li hadet u ghadha tiehu hsieb tal-minuri; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tressaq l-istanza odjerna;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux ghadhom edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permez ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tafda f' idejha l-kura u kustodja tat-tifel E, kif ukoll sabiex tiffissa retta alimentarja pagabbli mill-konvenut ghaliha bhala manteniment ghat-tifel; ukoll sabiex jhallas l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri.

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li minn relazzjoni li l-attrici kellha ma' C D twieled il-minuri E D fis-26 ta' Awwissu 1999.

Wara sitt snin mit-twelid tat-tifel, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet, u l-attrici tilfet il-kuntatt mal-konvenut. Tghid: *"Fil-fatt ili ma narah xi sitt snin, u huwa lanqas qatt indenja ruhu li jara lit-tifel. Nghid li sal-gurnata ta' llum la jiena u l-anqas it-tifel ma rajnieh aktar."* Tghid ukoll li hi ilha ma tircevi manteniment minghand il-konvenut minn mindu sparixxa, ghal dawn l-ahhar sitt snin; filwaqt li hi baqghet tiehu hsieb it-tifel.

Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-interessi tat-tifel jiddettaw li dan jibqa' jkun fdat fil-kura u kustodja tal-attrici, filwaqt li huwa opportun li, stante li l-konvenut qata' kull kuntatt maghhom, il-kura u kustodja ta' l-attrici tkun wahda esklussiva.

Illi rigward il-manteniment, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi dwar l-introjtu tal-konvenut, jew almenu, kemm il-konvenut kien jaghtiha flus ghall-manteniment tat-tifel qabel ma ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom; ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li tafferma d-dritt tal-attrici li tezigi manteniment ghat-tifel minuri minghand il-konvenut, tastjeni milli tistabbilixxi l-quantum ta' dan il-manteniment u thalli dan il-punt sabiex jgi deciz f' gudizzju separat meta l-attrici jkollha aktar informazzjoni fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba u tafda lill-attrici bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifel E;
[2] tilqa’ t-tieni talba talba limitatament billi, tafferma d-dirtt ta’ l-attrici li tezigi manteniment minghand il-konvenut ghat-tifel minuri, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni f’ dan il-gudizzju tal-kumplament tat-tieni talba;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni f’ dan il-gudizzju tat-tielet talba, ghall-ragunijiet fuq premessi.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------